KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 43

**L-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier (onlajn minħabba li kienet marida)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 43.1 Qari tal-Apoloġiji

43.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 41 u 42

43.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

43.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 41 u 42 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 43.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

43.3.1 Is-Sindku informa li kellu xi lmenti dwar il-*bring in site* ta' Triq il-Ward. Is-SE infurmat li bħala regola in ġenerali din il-BIS ma kinitx għadha tkun daqstant abbużata għaliex qed tkun sorveljata mil-LESA. Min-naħa l-oħra, jidher li l-kuntrattur imqabbad minn GreenMT kien qed joħroġ il-boroż li jsib fil-bins u jħallihom barra mgezzin biex jinġabru mill-kuntrattur tal-Kunsill (skont il-ġurnata tal-ġabra). Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-GreenMT biex il-kuntrattur tagħhom jibda jiġbor il-boroż hu possibbilment. Jekk le l-Kunsill għandu jinsisti li dan jibda jingħata ċitazzjoni kull darba li jinqabad jarmi barra.

43.3.2 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien ġie mgħarraf li rebaħ €8486.40 għal tisbiħ ta' żona mitluqa fi Triq il-Gladjoli mill-iskema tal-*Urban Greening* ta' Ambjent Malta. Il-Kunsill kien se joħroġ 15% tal-ispiża. Is-SE infurmat li qabel jinbeda x-xogħol kien hemm bżonn li tinbidel l-art u għaldaqstant hi u s-Sindku kienu se jippruvaw isibu xi entità li tista' tgħin lill-Kunsill f'dan l-għan.

43.3.3 Is-Sindku informa li Infrastructure Malta kienet ikkonfermat li x-xogħol fuq ir-rawndebawt tal-Bypass għandu jinbeda għalkemm mhux għalissa minħabba li jrid ikun marbut ma' xogħlijiet oħra.

43.3.4 Is-Sindku informa li IM infurmatu li dwar Triq Alessi qed jistennew l-elettriku u l-lampi mingħand l-Enemalta u qed jistennew ukoll l-approvazzjoni biex jinxtraw u jitwaħħlu l-bankijiet.

43.3.5 Is-Sindku informa li skont informazzjoni li kellu, l-offerta tal-Pjazza kellha titwaqqa' minħabba xi teknikalijiet u se terġa' tiġi ppubblikata.

43.3.6 Il-Kunsill innota li din is-sena kienet se terġa' tinżamm l-attività tal-Malta Classic. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lis-Segretarju tal-Klabb biex issir laqgħa mill-aktar fis possibbli mal-membri tal-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tikteb lill-Avukat tal-Kunsill biex iġġib parir mingħandu, anke fid-dawl li l-Kunsill mhux jara skop li l-attività tibqa' marbuta

maż-żona tal-Imdina ladarba saħansitra nbidel l-isem minn Mdina Grand Prix għal Malta Classic Race.

## 43.4 Vakanza għal Skrivan/a

43.4.1 Is-SE infurmat li kien hemm tliet persuni li bagħtu juru interess għal din il-vakanza imma kienet saret intervista waħda biss minħabba li t-tnejn l-oħra m'attendewx.

43.4.2 Fuq rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni kien hemm qbil li din il-persuna ma tingħażilx u għaldaqstant is-SE ġiet mitluba tkompli bil-proċess mal-Jobsplus.

## 43.5 Proġett tal-Gvern Ċentrali – Ċentru Terapewtiku għal Żgħażagħ b'Imġiba Diffiċli

43.5.1 Is-SE infurmat li kienet kitbet lis-Sovrintendenza dwar ir-ranep li hemm fi Triq Alessi. Huma kienu rrispondew fejn infurmaw li r-ranep kellhom valur storiku u kulturali u għalhekk għandhom jiġu ppreservati minħabba li huma protetti permezz tal-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap 445). Għalkemm sal-ġurnata għadhom ma ġewx mgħarrfa b'ebda skop ta' żvilupp għal Triq Alessi, huma infurmaw li mingħajr ebda preġudizzju, is-Sovrintendenza tkun tista' tikkunsidra xi tibdil minuri wara li tiġi ppreżentata bi proposta ta' żvilupp u ġustifikazzjoni adekwata.

43.5.2 Is-SE fakkret li fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jesprimi ruħu mal-Ministeru qabel ma tkun saret il-laqgħa mar-residenti u li min-naħa tal-Kunsill kien se jitlob garanziji fuq dawn il-punti qabel ma tittieħed ebda deċiżjoni fir-rigward ta' dan il-proġett.

43.5.3 Għaldaqstant kienet se tieħu ħsieb li tikteb lill-Ministeru sabiex tiġi ffissata laqgħa mar-residenti.

## 43.6 Offerta MTFLC/T/002/2022 – *Tender for the installation of mechanical and electrical (M&E) Services at the Mtarfa Visitors Centre (re-issue)*

43.6.1 Is-SE infurmat li l-kuntrattur tal-M&E's ma kienx kompla bil-kommunikazzjonijiet u għaldaqstant kienet twaqqgħat l-offerta tiegħu u ġiet ippubblikata offerta ġdida li tagħlaq it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2022.

43.6.2 Hawnhekk daħal onlajn il-Kunsillier Dr Attard. Il-ħin kien is-6:20pm.

43.6.3 Hija talbet biex jiġi ffurmat bord ta' evalwazzjoni ta' 5 persuni għal din l-offerta. Kien hemm qbil li dawn ikunu s-Sindku, il-Minority Leader, il-Projects Manager, is-SE u l-Viċi Sindku.

43.6.4 Sadanittant spjegat li kienet saret ukoll laqgħa ta' koordinament mal-kuntrattur tal-*Finishes* li kien lest li jibda hekk kif ikun beda x-xogħol tal-M&E's fuq il-VC.

## 43.7 Estensjoni tal-Ftehim ma' GreenMT

43.7.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet il-kommunikazzjoni lil GreenMT u kien kitbilha s-Sur Attard fejn irringrazzja lill-Kunsill u kkonferma l-estensjoni tal-ftehim sal-aħħar ta' Diċembru 2022.

## 43.8 Punti Oħra

43.8.1 Is-SE infurmat li kienet għamlet kuntatt mal-persuna responsabbli dwar il-magna għar-riċiklaġġ tal-fliexken tal-plastik u din kienet ikkonfermat li l-magna tista' titpoġġa viċin l-entratura tal-eks Sptar Militari kif ukoll li se tiġi installata camera biswitha.

43.8.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni dwar PA/03148/12 u staqsiet lill-Kunsill jekk kienx jixtieq li jdaħħal xi rappreżentazzjoni 'l-PA. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li għandu jintalab li jsir *Waste Management Plan (WMP)* kif ukoll *Environmental Impact Assessment (EIA).* Dan kollu sabiex permezz tagħhom, ikun hemm aktar sostanza għall-petizzjoni li diġà ddaħħlet mir-residenti kontra t-tkabbir u l-estensjoni ta' dan ir-razzett.

43.8.3 Is-SE infurmat li kienet irċeviet rapport mid-Dipartiment tal-Informazzjoni dwar il-grada li hemm installata faċċata tal-uffiċċju tal-GO fi Triq San David. Kien hemm qbil li għandha tinfurmahom li din hija binja tal-Awtorità tad-Djar u għaldaqstant għandhom jirreferu l-ilment lilhom.

43.8.4 Is-SE infurmat li kellha lment dwar xi muturi u vetturi li jkunu pparkjati fiż-żona pedonali fi Triq il-Ġiżimin. Wara diskussjoni, sar suġġeriment biex issir tabella *un/loading* għal 15-il minuta biss għall-vetturi li jkollhom bżonn jaċċessaw dan il-passaġġ u li għandhom jiġu mmarkati żewġ parkeġġi għall-muturi għaliex fejn jitħallew dawn ma kinux qed joħolqu ebda inkonvenjenza.

43.8.5 Is-SE infurmat li kienet waslitilha talba għal *sleeping policeman* fi Triq San David. Kien hemm qbil li m'għandhomx jiġu installati aktar sleeping policemen fit-triq prinċipali u għaldaqstant għandhom jiġu ordnati żewġ tabelli li jindikaw li hemm garaxx u jiġu mmarkati sinjali li hija żona ta' 30 km/hr mal-art kif kien hemm qabel ma ġiet rikostruwita t-triq.

43.8.6 Is-SE infurmat li fuq inizjattiva tar-Reġjun kienet se tinżamm sessjoni għat-tfal tal-lokalità fejn se jiġu mgħallma jibnu bejtiet għall-għasafar biex jitwaħħlu mal-lokalità.

43.8.7 Infurmat ukoll li r-Reġjun kien se jorganizza kors ta' ġardinaġġ għar-residenti u diġà kien hemm numru sabiħ ta' konkorrenti.

43.8.8 Is-SE infurmat li kienet għaddejja kommunikazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru dwar l-istat tal-Bandli tal-Imtarfa u dwar meta se jiġi mgħoddi lill-Kunsill Lokali. Hija infurmat li l-istrutturi tal-logħob kienu fi stat ħażin għaliex dawn qatt ma ġew trattati jew saret ebda manutenzjoni fuqhom, imma min-naħa tagħhom, il-PWD kienu qed jinsistu li jgħaddu l-bandli lill-Kunsill Lokali tale quale. Kien hemm qbil li s-SE għandha terġa' tgħaddi kopja tar-Rapport tal-MCCAA lill-Ministeru u titlobhom jimxu strettament miegħu hekk kif kien maqbul waqt il-laqgħa bejniethom.

## 43.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

43.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 06/2022), kopja tagħha mehmuża.

43.9.2 Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 43.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

43.10.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7:45pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 28 ta' Lulju 2022 fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Lulju 2022.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |